



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-11 ta' Lulju 2019 – Il-Kummissjoni vs L-Italja (Riżorsi proprji – Irkupru ta' dejn doganali)**

(Kawża C-304/18)<sup>1</sup>

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Riżorsi proprji – Dazji doganali – Konstatazzjoni ta' dejn doganali – Iskrizzjoni f'kontabbiltà separata – Obbligu ta' tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Unjoni Ewropea – Proċedura ta' rkupru mibdija tard – Interessi moratorji”

1. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri – Responsabbiltà tal-Istati Membri – Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1552/89, Artikolu 13(1) u (2); Deċiżjonijiet tal-Kunsill 94/728, 2000/597, 2007/436 u 2014/335, Artikoli 2(1)(b) u 8(1))

(ara l-punti 49, 50)

2. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri – Assenza ta' konstatazzjoni u ta' tqegħid għad-dispożizzjoni mingħajr raġunijiet ta' forza maġġuri jew impossibbiltà definittiva mhux imputabbli għall-Istat Membru kkonċernat li jipproċedi għall-irkupru – Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

(Regolamenti tal-Kunsill Nru 1552/89 u Nru 1150/2000, Artikolu 17(2); Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014, Artikolu 13(1) u (2))

(ara l-punti 59 sa 61)

3. *Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea – Konstatazzjoni u tqegħid għad-dispożizzjoni mill-Istati Membri – Iskrizzjoni favur il-kont tal-Kummissjoni – Iskrizzjoni tardiva – Obbligu li jitħallsu interessi moratorji*

(Regolamenti tal-Kunsill Nru 1552/89 u Nru 1150/2000, Artikoli 9(1) u 11; Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014, Artikoli 9(1) u 12)

(ara l-punti 70, 71)

<sup>1</sup> ĠU C 221, 25.6.2018.

4. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obligu – Suġġett tat-tilwima – Talba intiża sabiex Stat Membru jiġi obligat jadotta miżuri speċifiċi – Talba intiża sabiex tiffaċilita riżoluzzjoni bonarja tat-tilwima – Inammissibbiltà*

*(Artikoli 258 u 260 TFUE)*

*(ara l-punti 74, 75)*

## **Dispożittiv**

- 1) Billi rrifjutat li tqiegħed għad-dispożizzjoni riżorsi proprji tradizzjonali li jammontaw għal EUR 2 120 309.50, indikati fl-avviż ta' nuqqas eżiġibbiltà IT(07)08 917, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE Euratom tal-31 ta' Ottubru 1994 dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea, l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej, u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikoli 10, 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jimplimenta d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet, l-Artikoli 10, 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728, u l-Artikoli 10, 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika Taljana għandha tbatu tmenin fil-mija mill-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-ispejjeż tagħha stess.
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatu għoxrin fil-mija mill-ispejjeż tagħha stess.